# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar 2025**

**Numru : 18**

**Rikors numru: 51/2018/3 SG**

**Anthony Saliba u Josephine Saliba**

**v.**

**Joseph Cini u Mary Grace Cini**

**Il-Qorti:**

1. Il-konvenuti allegatament bdew jgħaddu minn fuq ir-raba' tal-atturi, u b'konsegwenza ta' hekk l-atturi fetħulhom din il-kawża, b'dawn it-talbiet:

> "Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:
>
> 1. Tiddikjara illi l-konvenuti kkomettew spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-atturi meta huma bdew jidhlu fl-art ta' l-atturi fuq deskritta fil-premessi u juzawha bhala passagg għar-raba' tagħhom.

2. Tikkundanna lil konvenuti sabiex jispurgaw l-ispoll minnhom kommess billi **tordnalhom ma jidhlux aktar fl-art ta' l-atturi u ma juzawhiex aktar bhala passagg għar-raba' tagħhom;**

3. Fin-nuqqas li l-konvenuti jottempraw ruhhom ma' l-ordnijiet tal-Qorti tawtorizza lil Qorti **sabiex jiehdu hsieb li jagħlqu l-parti fl-art tagħhom mnejn il-konvenuti qegħdin jidhlu**.

Bl-ispejjez kollha nkluza VAT u nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Mejju 2018 u ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Mejju 2018 u bl-ingunzjaoni tal-konvenuti minn issa għas-subizzjoni."

2. B'sentenza tal-14 ta' Diċembru 2023 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, laqgħet eċċezzjoni ulterjuri tan-nullità tar-rikors ġuramentat billi fih kumulu ta' talbiet petitorji u possessorji.

3. L-Ewwel Qorti, bdiet billi ċċitat id-dottrina dwar azzjonijiet li jiġbru flimkien jew iħalltu talbiet pussessorji ma' talbiet petitorji:

"L-azzjoni possessorja hija identifikabbli fl-azzjoni ta' reintegrazzjoni jew spoll (Artikolu 535 tal-Kap 16) u fl-azzjoni ta' manutenzjoni (Artikolu 534 tal-Kap 16) u hija distinta mill-azzjoni petitorja (bhalma huma l-azzjoni ta' rivendika jew l-azzjoni negatoria) li hija diretta sabiex taccerta l-appartenenza, jew altrimenti, tal-proprieta jew dritt reali. Kif citat mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-awtur **Andrea Torrente** jishaq illi:

*le azzjoni possessorie assicurano una tutela di carattere provvisorio: chi soccombe nel gudizio possessorio deve restituire la cosa, ma, se e' titolare del diritto di proprjeta' o di un diritto reale potra' riaverla promuovendo gudizio petitorio, nel quale ha, peraltro, l'onere ben grave di dimostrare il suo diritto.*

In-natura essenzjalment diversa ta' dawn iz-żewġ azzjonijiet twassal għal proceduri distinti kif jitmexxew dawn il-kawżi u għalhekk isegwi li dawn iż-żewġ kawżi ma jistgħux jitmexxew fi procediment wiehed. In

fatti, l-awtur **Ricci** jinsisti illi l-kumulu taż-żewġ azzjonijiet, huwa vjetat b'mod assolut. Jispjega wkoll ir-raguni għal din il-projbizzjoni:

> ***"Il giudizio possessorio si distingue dal petitorio, in quanto questo concerne il diritto e quello il fatto. Mirando pertanto il primo a proteggere uno stato di fatto e l`ultimo a garantire il diritto, ne e` vietato il cumolo, spetti, oppure no, al possessore il diritto sulla cosa posseduta.*** *Vietato il cumolo dei due giudizzi e logica conseguenza che il giudice non possa pronunciare sul possesso fondandosi su regioni di merito..*"

Fil-fehma ta' dan l-awtur il-qorti tkun qed teccedi l-poteri tagħha jekk tikkumula il-petitorju mal-possessorju:

> *"Non solo il convenuto, contro cui chiede la manutenzione in possesso, non puo` per respingere siffatta azione, poggiarzi sul diritto che esso pretende ma puo` neppure allegare che il fatto, contro il quale l`attore muove lamento, abbia avuto luogo, consentendovi costui; dappoiche allegare il consenso ripartato dall`attore equivale ad affermare che il convenuto ebbe il diritto di fare cio' che fece; onde la disputa dal campo del fatto si trasporta su quello del diritto......*
>
> *...Dal principio che vieta il cumolo die due giudizi, petitorio e possessorio, il Codice di procedura trae due conseguenze, che e` bene aver presenti nella pratica: l`una e` che, pendente il giudizio possessorio, l`attore non puo` promuovere il petitorio salvo che rinunzi agli atti e pagħi o depositare a spese e cosi` pure, pendente lo stesso giudizio possessorio, finche non siasi interamente eseguita la sentenza in esso pronunciata, il convenuto non puo' promuovere il giudizio petitorio (art. 445); l`altra e`, che, dopo istituito il giudizio petitorio, ogni reclamo relativo al possesso per fatti posteriori e' deferito all`autorita` guidiziaria davanti cui pende il giudizio."*

4. Wara din iċ-ċitazzjoni ta' kittieba Taljani, l-Ewwel Qorti għamlet rassenja estensiva tal-ġurisprudenza Maltija:

> "Il-prinċipju li l-kumulu jwassal għan-nullita' taċ-ċitazzjoni ġie affermat f' varja ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati. Fid-deċiżjoni bl-ismijiet **Giuseppe Bugeja Bonnici vs Carmelo Grima** mogħtija fl-20 ta' Frar 1948, il-Qorti rriteniet illi:
>
> > *"Fuq dina l-kwerela tal-konvenut, dina l-Qorti thoss li għandha tosserva illi hija regola li ma hux permess li fil-possessorju jkun kommentat il-petitorju, għalkemm anki fil-ġurisprudenza tagħna, fil-każi ta' atti ta' pussess ekwiviċi, fil-process 'di spoglio' ġie li taw każi fejn ġie sospiż il-process possessorju sa ma ġie deċiż il-process petitorju (ara Appell 1 ta' Marzu 1869 in re "Buttiġieg et vs Fra Fillippo minn Malta O.F.M. et, Vol. V, pag. 50, u Prim'Awla Civili 27 ta' Ottubru 1905, "Farrugia vs Busuttil", Vol. XIX. P.II, pag. 99 u oħrajn). Tant dik ir-regola hija ntiża fl-*

*applikazzjon tagħha illi ġie deċiż li fil-materja ta' azzjoni ta' l-'ispoglio' ma għandhiex tiġi ordnata l-konnessjoni u kontestwali trattazzjoni ta' żewġ kawżi li wahda tkun tal-pussess u l-oħra petitorja (ara P.A. Civili 26 ta' Jannar 1883, in re "***Camilleri vs Giglio et***" Vol.X, pag 55).*

Fil-kawża fl-ismijiet **Giuseppe Massa –vs- Padre Angelico Pace noe** (Kollez. Deċiż. Vol. XXI.I.488), il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet li:

*"la gurisprudenza dei nostri tribunali e' stata sempre costante nella interpretazzione delle legge vigenti, proibitiva del cumulo delle due azzjoni, la possessoria e la petitoria, …. Il divieto del cumulo dei due gudizzji essendo di ordine pubblico ed espressamente in modo assoluto vietato dalla legge, tale inefficacia non potrebbe essere sanata colla acquisenza ovvero col consenso sia espresso sia tacito della controparte, ne' il gudice, a cui e' affidata l'osservanza e la applicazione della legge, potrebbe passarvi sopra senza violare l' autorita della stessa."*

Imbagħad fid-deċiżjoni bl-ismijiet **Not. Francesco Saverio Camilleri vs. Susanna Giglio** et mogħtija fis-26 ta' Jannar 1863, il-Qorti rrifjutat il-konnessjoni ta' żewġ kawżi dik possessorja u l-oħra petitiorja proprju għaliex minħabba n-natura strettament diversa ma hux possibbli li dawn iz-żewġ kawżi jimxu flimkien:

*"Che l'eccezione di connessione di due, o piu` cause e` regolata dagli articoli 805 e 424 delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile, e nell'articolo 417 sono stabiliti i casi, nei quali la connessione puo`, o dev'essere ordinata;*

*. . . egli e` certo che nelle cause di spoglio de recenti, un tempo chiamato privilegiato, si devono osservare particolari procedure, sanzionate dalle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile, dall'Ordinanza VII del 1868, e precedentemente dal Dritto Municipale e dal Rito Siculo – leggi quasi del tutto conformi, non essendovi stata fatta alcuna sostanziale innovazione in simili cause;*

*. . . Che nelle cause della natura di quella proposta dalla convenuta Curmi non si ammette, ne` si ammetteva, contro le domande alcuna eccezione, che non fosse dilatoria, prima che non si fosse reintegrato lo spoglio (art. 801 delle Leggi di Procedura – art. 230 dell'Ordinanza VII. Del 1868 – e S. 88 del lib. II cap. III. Del Dritto Municipale) E. lo stesso Dritto Municipale al S. 87 ordinava, che in cosifatta specie di giudizi si procedesse colla possibile celerita` ed abbreviati i termini;*

*"Che ne` anche e` permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini, o no; perche` la legge non richiede, che un possesso puramente materiale e di fatto; tanto e` vero, che si concede la detta azione al conduttore contro lo stesso proprietario, nonostante che il primo non possieda la cosa come propria, nel senso dell'art. 219 della citata Ordinanza VII del 1868; e si concede anche al possessore, che avesse, in tempo precedente, usurpato con violenza la cosa altrui;*

> *"Che ammettendo la connessione di una causa di spoglio con un'altra in petitorio promossa dal preteso spogliante, sia prima, che dopo quella dello spoglio, si verrebbe ad eludere il disposto della legge nella sua lettera e nel suo spirito; perche` in tal modo la reintegrazione sarebbe virtualmente ritardata, finche` fosse conosciuta e decisa la causa intorno alla proprieta`, e verrebbero ammesse eccezioni non dilatorie, ma nel merito, prima che lo spoglio fosse reintegrato, in tal modo l'attore in petitorio privando il suo avversario del detto beneficio;*
>
> *Che e` vero che il Diritto Municipale al S. 81 del loc. Cit. Ordinava che, quando il petitorio fosse chiaro in modo, da assorbire il possessorio, le due cause si dovevano decidere contestualmente, nonostante qualsiasi protesta delle parti in contrario; e il commentatore di questa legge osserva, che tale disposizione era stata intesa per distruggere un inutile circuito di giudizi; ma pero`, prescindendo se questa legge sia tuttora in vigore, e se essa era applicabile alle cause privilegiate di spoglio, sulle quali disponevano i susseguenti paragrafi 87 e 88 di detto capo, quella legge suppone, che nei due giudizi, portati insieme dinanzi il tribunale, il petitorio fosse talmente chiaro, da poter essere deciso illico et in continenti, senza alcun esame e seria discussione, in modo che il possessorio non potrebbe essere pregiudicato."*

Dawn il-Qrati ssottolinjaw li f'azzjoni ta' din ix-xorta ma jistgħux isiru talbiet jew investigazzjonijiet ta' natura petitorja. F' **Farr Limited vs Cutajar Norman** deċiża fis-6 ta' Frar 2004, il-Qorti ta' l-Appell osservat li:

> *"…din il-Qorti bir-rispett jidhrilha li l-'konfuzjoni' taz-żewġ azzjonijiet f' istanza wahda, azzjoni possessorja u oħra petitorja – ma tistax issir jew tiġi permessa jew ittollerata, għax b' daqstant tiġi stultifikata l-azzjoni ta' spoll privileggjat kif intiz mil-legislatur….(ara wkoll id-deċiżjonijiet in re:* **Massa vs Padre A. Pace noe***, Qorti ta' l-Appell, 27 ta' Mejju 1912 u* **Paul Buttiġieg vs Raymond Buttiġieg***, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1910)."*

Deċiżjoni oħra hija dik fl-ismijiet **Valentini Valentino et vs Azzopardi Tarcisio** et deċiża mill-Prim Awla fit-2 ta' Ottubru 2001:

> *"Fit-tieni lok jingħad li f' azzjoni ta' spoll l-unika indagini li din il-Qorti tista' tagħmel hija dik indikata fl-artikolu 791(3) tal-Kap 13 li jgħid espressament u mingħajr lok ta' ekwivoku li 'il-qorti għandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew detenzjoni, u l-fatt tal-ispoll' u xejn izjed għaliex il-Qorti* ***f' kawża simili hija biss interessata li tara li dak li kkometta l-ispoll għandu jirreintegra kollox fl-istat prestinu tiegħu qabel il-kommissjoni tal-istess att illegali.***
>
> ***Illi fil-fatt jista' jingħad li l-azzjoni ta' danni ma hijiex kompattibli guridikament u gudizzjarjament mal-azzjoni ta' l-ispoll stante li ezami ta' tali kawżali jinhtieg necessarjament ezami tad-drittijiet u obbligazzjonijiet tal-partijiet fil-kawża, b' dan li tali ezercizzju necessarjament immur lill' hinn mir-rekwiziti tal-azzjoni ta' spoll, li tistharreg biss fuq l-element possessorju bhala actio possessorja 'par excellance' u mhux fuq drittijiet ta' natura petitorja****."*

Fid-deċiżjoni bl-ismijiet **Notaro Luigi Gauci Forno vs Caterina Gravino** deċiża fit-23 ta' Novembru 1931, il-Qorti ta' l-Appell spjegat ir-raguni għaliex talba għal hlas għad-danni sofferti konsegwenza għal spoll ma tistax issir f'azzjoni possessorja:

> *"Atteso che a riguardo della domanda contenuta nell'atto di citazione intesa a conseguire la condanna della convenuta per il pagamento del valore delle cose formanti la materia dell'azione di reintegrazione proposta dall'attore, in primo luogo e' da considerare che essa non si comporta all'indole dell'azione possessoria. Imperocche' tale domanda importa quelle cose supposte sottratte all'asse ereditario rappresentatto dall'attore; e simile pretensione non potrebbe essere esaminata e definita se non con pregiudica dell'azione petitoria in quanto che essa* ***necessariamente spinge alla indagine verso la questione del merito*** *se lo spogliatore, impossessandosi della cosa di cui l'attore chieda la restituzione, non siasi impossessato di cosa propria: che se chi e' convenuto nel giudizio sull'azione di reintegrazione assuma di dimostrare trattarsi di cosa a lui appartenente, come mai si potrebbe dal tribunale aggiudicare all'attore il risarcimento di danno consistente nel valore della cosa, molto piu' che per l'esercizio della reintegranda non occorre neanche' dimostrarsi dallo attore il legittimo possesso?* ***Tale domanda dell'attore conseguentemente costituerebbe l'inosservanza alla regola che il giudizio possessorio proceda separato e distinto dal giudizio petitorio, per cui l'uno non va accumulato coll'altro****."*

5. L-Ewwel Qorti mbagħad għaddiet biex tiddeċiedi dwar in-natura u l-validità tal-azzjoni sottomessa quddiema abbażi tad-dottrina u l-ġurisprudenza minnha kkwotati:

> "In riassunt, kif johrog car mill-principji fuq elenkati, il-konfuzjoni tal-petitorju mal-possessorju jgib bhala konsegwenza n-nullita' tar-rikors guramentat. Ma hemm ebda mod kif wiehed jista jsalva rikors guramentat li jkun fiha dan id-difett. Dana għaliex f'azzjoni ta' spoll l-unika indagini li l-Qorti tista' tagħmel hija dik indikata fl-artikolu 791 (3) tal-Kap 12 li jgħid espressament u mingħajr lok ta' ekwivoku li l-qorti għandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew detenzjoni, u l-fatt tal-ispoll u xejn izjed. Il-Qorti f'kawża simili hija biss interessata li tara li dak li kkometta l-ispoll għandu jirreintegra kollox fl-istat li kien qabel ġie kommess l-att illegali.
>
> Fil-kaz odjern, biex din il-Qorti tgħaddi biex tilqa' t-tieni talba, trid issir investigazzjoni fil-petitorju fosthom jekk l-atturi humiex sidien ta' din l-art, jekk il-konvenuti għandhomx dritt ta' passagg minn fuq l-art ta' l-atturi u jekk l-art tal-konvenuti hijiex interkjuza. In oltre, tali talba u cioe' ordni sabiex il-konvenuti ma jidhlux aktar fl-art ta' l-atturi u ma juzawhiex aktar

bhala passagg għar-raba' tagħhom tekwivali għal talba sabiex il-Qorti tinibixxi lill-konvenuti milli jidhlu fir-raba'. Tali talba lanqas m'hija flokha f' kawża ta' spoll. L-iskop ta' kawża ta' spoll m'għandix tkun sabiex il-Qorti tordna lill-konvenuti li jigu inibiti milli jagħmlu xi haga. Li kieku verament din l-azzjoni kienet limitata għal azzjoni ta' spoll, hekk kif qed jargumentaw l-atturi, it-talba kellha tkun limitata għal dikjarazzjoni li bl-agir tagħhom il-konvenuti kkommettew spoll u sabiex l-atturi jerggħu jitqiegħdu lura fil-pussess ta' l-oggett. Kif gia' ġie sottolinjat l-Artikolu 791(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-konvenut f'kawża ta' spoll magħmula fi zmien xahrejn minn dak in-nhar li jkun sar l-ispoll, ma jista' jagħti ebda eccezzjoni li mhux dilatorja, qabel ma jkun raga' qiegħed il-haga fl-istat ewlieni u raga' qiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel il-parti li tkun batiet l-ispoll, f'dak iz-zmien illi, skond ic-cirkostanzi, jigi mogħti lilu fis-sentenza, bla hsara ta' jeddijiet oħra tiegħu. Dan kollu jkomplu jindika l-kumulu ta' talbiet kontenuti f' din l-azzjoni, stante li jekk din il-Qorti kellha tgħaddi biex tevalwa t-tieni talba, iridu jigu determinati kwistjonijiet petitorji. Dan l-esercizzju zgur li jmur lil hin minn dak li titlob l-azzjoni possessorja u l-Qorti m'hijiex tal-fehma li kwistjoni bhal din għandha tiġi deċiża f'dawn it-tip ta' proceduri.

L-istess għandu jingħad fir-rigward tat-tielet talba. Dana peress li mit-talba nfisha u anke mill-provi prodotti, irrizulta li qatt ma kien hemm xejn jagħlaq l-art ta' l-atturi u permezz ta' din it-talba, l-atturi qed jitolbu awtorizazzjoni li fin-nuqqas li jottempraw rwiehhom il-konvenuti, huma jigu awtorizzati jagħlqu tali parti. Madanakollu, anke din it-tielet talba tinhtieg li ssir investigazzjoni petitorja, fost oħrajn dwar jekk l-atturi humiex sidien ta' din l-art u dwar jekk hemmx terzi persuni li għandhom drittijiet jgħaddu minn fuq tali raba'.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, bil-mod kif gew ifformulati t-tieni u t-tielet talba mill-atturi, hemm konfuzjoni shiha dwar in-natura ta' l-azzjoni odjerna. L-attur għalkemm jindikaw li din hija azzjoni ta' spoll, jagħmlu talbiet li jmorru lil hinn minn talbiet relatati ma' l-azzjoni ta' spoll. Jirrizulta li l-atturi pprocedew b' din l-azzjoni li jsejjhulha dik ta' spoll bhala mezz preventiv kontra iktar invazjonijiet fl-għalqa tagħhom. Izda kif gia' ġie ripetut kemm-il darba f' din is-sentenza, l-azzjoni ta' spoll hi ntiża sabiex l-attur jigi reintegrat fil-pussess kif kien qabel sehh l-att spoljattiv. In fatti, fil-kawża fl-ismijiet Carlo sive Charles Cardona vs Francesco Tabone deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Marzu 1992 ġie kkonfermat li l-azzjoni ta' l-ispoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci għall-iskop li ma thalli l-hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiża unikament biex igġiegħel lill-konvenut li jerga' qiiegħed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbha, u daqshekk biss.

Il-Qorti tqis għalhekk li kemm kif ifformulata t-tieni talba u anke t-tielet talba, tali kwistjonijiet ma jistgħux jigu determinati minn din il-Qorti f' azzjoni ta' spoll. Dan iwassal għal sitwazzjoni fejn meta wiehed ihares lejn l-ewwel talba u l-ewwel parti tat-tieni talba jirrizulta li l-azzjoni hija wahda ta' spoll izda meta imbagħad wiehed ihares lejn it-tieni parti tat-tieni talba u t-tielet talba jirrizulta li l-azzjoni tikkontjeni talbiet ta' natura

petitorja. U kif diga' ġie sottolinjat, kumulu ta' azzjoni possessorja ma' dik petitorja ma huwiex permissibbli:

*"Il divieto del cumulo dei due giudizi essendo di ordine pubblico, ed espressamente in modo assoluto vietato dalla legge, tale inefficacia non potrebbe venire sanata colla acquiescenza ovvero col consenso, sia espresso sia tacito, della controparte; ne' il giudice, a cui e' affidata l'osservanza e l'applicazione della legge, potrebbe passarvi sopra senza violare l'autorita' della stessa" ( op.cit. Padre Pace Angelico noe et vs Massa Giuseppe deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Novembru 1907 Vol. XXB.ii.368).*

Din il-Qorti tqis li qed tirriskontra kumulu bejn azzjoni possessorja u dik petitorja. Dana peress li bit-tieni u t-tielet talba tagħhom, l-atturi mhux sempliciment qed jitolbu li ssir reintegrazzjoni izda f' tali talbiet hawn konfuzjoni bejn l-elementi tipici f'kawża possessorja ma' dawk f'kawża petitorja li għandha konsegwenzi fatali fuq il-validita tac-citazzjoni. Dawn iz-żewġ kawżi għandhom elementi radikalment distinti, huma inkompatibbli ma' xulxin u wahda teskludi lil oħra. L-atturi kellhom jillimitaw ruhhom għal kwistjoni ta' l-allegat spoll u mhux jipprocedu biex jitolbu inibizzjoni bil-għan li l-konvenuti ma jgħaddux minn fuq l-art tagħhom kif ukoll jitolbu li jigu awtorizzati jagħlqu art li ma kinitx magħluqa. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-atturi ma setgħux b' kawża waħda, jipproċedu abbażi ta' kawżali tant differenti. Il-preġudizzju li jinħoloq lill-konvenuti li kieku l-Qorti kellha tkompli billi tqis it-tieni u t-tielet talbiet ta' l-atturi huwa ċar. Bil-mod li ġew impostati l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet ma jistgħux jintlaqgħu flimkien kemm minħabba dan il-preġudizzju imma wkoll għaliex ipoġġu lill-ġudikant f`sitwazzjoni ta' inċertezza dwar l-indoli veru tal-proċedura li jrid jiddeċiedi dwarha.

Għandu jigi senjalat li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Flavia Cassar et vs Carmelo Muscat et, deċiża fl-14 ta‟ Novembru, 2011 għamlitha cara li:

*"Hawnhekk non si tratta ta semplici imprecizjoni fil-forma tac-citazzjoni izda si tratta minn kumulu ta‟ azzjonijiet distinti bazati fuq kawżalijiet kontradittorji li jincidu radikalment fuq is-sustanza tal-azzjoni u jmorru „l hinn mis-semplici difett ta‟ forma."*

L-atturi ma setgħux ihalltu żewġ azzjonijiet flimkien bil-konsegwenza li dan iwassal għan-nullità sostanzjali tal-azzjoni tagħhom.

6. L-atturi appellaw mis-sentenza. Isostnu li qatt ma kien hemm dubju fl-*iter* tas-smigħ tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti li din hija kawża ta' spoll.

7. Essenzjalment id-doljanza tagħhom hija li l-premessi u t-talbiet huma dawk klassiċi tal-ispoll u li m'hemm xejn petitorju fihom. Isostnu li:

(1) **Dwar it-tieni talba**: ordni biex il-konvenuti ma jgħaddux iktar mir-raba' tagħhom hija ordni biex jieqaf l-ispoll u ma tinvolvix xi deċiżjoni petitorja.

(2) **Dwar it-tielet talba**: din hija sussidjarja għat-talba għall-ispurgar tal-ispoll biex jekk il-konvenuti jisfidaw l-ordni tal-qorti, l-atturi jieħdu l-passi biex ma jibqgħux jagħmlu hekk billi jgħalqu l-apertura tal-passaġġ. Kemm-il darba tqis li din it-talba tmur *oltre* azzjoni ta' spoll, l-Ewwel Qorti messha ddeklinat milli tieħu konjizzjoni tagħha filwaqt li tikkunsidra l-validità tat-talbiet l-oħrajn bħala kostittutiva ta' azzjoni ta' spoll.

8. Din il-Qorti tqis li fil-ġudizzju possessorju jiġi ġudikat biss il-*jus possessionis*, mhux il-*jus possidendi*, bla ħsara tad-drittijiet petitorji. Dan jirrifletti l-karattru partikolari tal-azzjoni, *de recenti*, li hi pjuttost bażata fuq interess ta' ordni pubbliku, dak, ċjoè li ċ-ċittadin m'għandux jieħu l-liġi b'idejh. Għalhekk din l-azzjoni tippresupponi li l-attur kellu l-pussess; li l-konvenut ħadlu vjolentement jew klandestinament dan il-pussess; u li għalhekk kellu jroddulu lura. Xejn iżjed u xejn inqas. L-azzjoni in kwistjoni tħares il-pussess u mhux id-dritt. Id-dritt huwa irrilevanti; tant li saħansitra trodd il-pussess lill-possessur anke jekk dan ma jkollu l-ebda dritt filwaqt

li d-dritt fuq il-ħaġa jkun jappartjeni lill-ispoljatur. Lil hinn minn dan l-orizzont ristrett, l-azzjoni possessorja hija la siwi. Li jfisser li ma tista' ssir l-ebda talba *oltre* r-restituzzjoni tal-pussess. Li jfisser ukoll li talbiet li fondati fuq xi dritt u mhux fuq il-pussess apparti li ma jistgħux isiru jżellġu u jniġġżu l-azzjoni b'mod li ma tibqax waħda esklussivament possessorja u għalhekk tkun nulla billi d-divjet tat-taħlit tal-pussessorju mal-petitorju huwa ta' ordni pubbliku.

9. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li t-tieni u t-tielet talbiet jaqbżu l-konfini permessibbli ta' talbiet f'kawża ta' spoll. Ma taqbilx mal-appellant li dawn huma sussidjarji jew konsegwenzjali għat-talbiet permessibbli f'kawża bħal din. Min-naħa l-oħra, taqbel mal-Ewwel Qorti li dawn it-talbiet, biex ikunu jistgħu jintlaqgħu, jippresupponu deċiżjoni ta' natura petitorja, ċjoè dwar id-dritt ta' mogħdija *o meno* u d-dritt ta' proprjetà tal-għalqa mnejn għaddew il-konvenuti. Lanqas tista' l-Qorti sempliċiment tinjora dawn it-talbiet bħala superfluwi, kif jissuġġerilha l-appellant. Biss biss it-tieni talba hija sabiex l-ispoll jiġi spurgat <u>b'mod partikolari:</u> **billi** ssir inibizzjoni perpetwa. Jekk l-inibizzjoni mhix permissibbli, taqa' t-tieni talba kollha kemm hi. Dan apparti li kif sewwa wkoll irrimarkat l-Ewwel Qorti, dan mhux każ ta' xi impreċiżjoni fil-forma tar-rikors ġuramentat imma każ ta' kumulu pprojbit ta' azzjonijiet distinti bbażati fuq kawżalitajiet kontradittorji li jinċidu radikalment fuq is-sustanza tal-azzjoni.

***Decide:***

10. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; spejjeż tal-appell a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss